KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 14 – IT-TLIETA 26 TA' NOVEMBRU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |

Kien hemm persuna waħda tattendi. Kien hemm jattendi wkoll is-Sur Matthew Seychell, Ambaxxatur taz-Zgħazagħ.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Bugeja kien infurmaha li ma kienx jiflaħ u għaldaqstant talab li jiġi skuzat mil-laqgħa. Is-Sindku talab lill-Kunsill jingħaqad f'talba qasira bħala għajnuna għall-Kunsillier Bugeja.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 12 U 13

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir għall-minuti tal-laqgħa numru 12 u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.2 Fir-rigward tal-minuti numru 13, wara diskussjoni kien hemm qbil li fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech, issir emenda kif ġej għan-nota li tpoġġiet fil-bidu tal-minuti - Is-SE fakkret li din il-laqgħa kienet ġiet posposta mill-ġurnata ta' qabel, l-4 ta' Novembru, minħabba li tliet Kunsilliera (is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bugeja) kienu infurmaw li ma setgħux jattendu u għaldaqstant ma kienx se jintlaħaq il-quorum.

1.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 13 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.4 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li jħoss li ma kienx ġust min-naħa tad-Dipartiment li jġiegħel lill-Kunsilli Lokali li jsibu Ambaxxatur taz-Zgħazagħ fi zmien daqstant qasir għaliex ma ngħatax zmien għal konsultazzjoni mar-residenti. Il-Kunsill kollu qabel mal-Kunsillier Mifsud dwar dan.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Fir-rigward ta' para. 2.3 mill-Minuti tas-Seduta Nru. 12, is-SE infurmat li l-inġinier mibgħut mill-Awtorità tad-Djar kien għamel zjara fi Triq Gregorio Caraffa fil-prezenza tagħha u tal-*electrician* tal-Kunsill u kien ikkonferma li x-xogħol kollu li kien hemm kien sar ħazin u li kien se jirrakkomanda li jerġa' jsir kollox mill-ġdid, inkluz l-arbli. Is-SE infurmat li sadanittant kienet irċeviet konferma wkoll li ċ-*chairperson* kienet se tiltaqa' mal-Kunsill.

2.2 Fir-rigward ta' para. 3.2 mill-Minuti tas-Seduta Nru. 12, is-SE infurmat li s-siġra bil-fliexken tal-plastik ma kienx possibbli li ssir minħabba li trid ħafna preparazzjoni minn qabel.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.6, kienet irċeviet il-kont minn mindu kien ġiet devolut lill-Kunsill it-Torri tal-Arloġġ u dan kien jammonta għal €3446.15. Kien hemm qbil li dan il-kont għandu jitħallas.

2.4 Fir-rigward ta' para. 8.2, is-SE infurmat li l-applikazzjoni għad-dawl fil-parkeġġ tan-naħa t'isfel ta' Binja Qlejgħa kienet qed tiġi proċessata. Sadanittant se tiddaħħal ukoll applikazzjoni oħra għad-dawl tan-naħa ta' fuq tal-Binja.

2.5 Rigward il-minuti numru 13, is-SE fakkret li nhar id-29 ta' Novembru kien se jkun hemm il-prezentazzjoni taċ-ċertifikati lil kull min għen u pparteċipa f'Military Mtarfa 2013.

2.6 Is-SE tat aktar dettalji dwar l-attivitajiet li se jsiru fi zmien il-Milied u li kienu diġà ġew approvati waqt is-seduta b'urġenza.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li riċentament kellu laqgħa ma' rapprezentant ta' kumpanija lokali dwar CCTV's u dan kien għaddhielu xi proposti. Huwa qal li b'madwar €300 l-Kunsill seta' jinstalla CCTV viċin tal-bring in sites sabiex tkun ta' deterrent għal min iħammeġ. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li jinġab permess minn TM qabel ma jinxtraw dawn is-CCTV's. Is-Sindku sadanittant informa li huwa kien qabad persuna mir-Rabat li qed twaddab xi mbarazz viċin l-iskips u kien għadda n-numru tal-vettura tagħha lill-għassa tar-Rabat.

3.2 Is-Sindku informa li hu, is-SE u l-electrician tal-Kunsill kienu marru f'Binja Msieraħ biex jaraw kif seta' l-Kunsill jgħin lir-residenti ta' din il-Binja billi jinstalla xi dawl temporanju. Kien qed jiġi ssuġġerit li jitwaħħlu xi arbli sabiex imbagħad issir applikazzjoni mal-Enemalta. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri l-arbli u l-*floodlights* sabiex isir dan ix-xogħol.

3.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir *floodlight* minn fuq il-bejt tad-Dar tal-Anzjani sabiex tittaffa l-problema tar-residenti ta' Triq Gregorio Caraffa. Min-naħa l-oħra izda l-Kunsill kollu qabel li ladarba kien fadal biss ġimgħa għal-laqgħa maċ-*Chairperson,* kien jaqbel aktar li wieħed jistenna biex jara x'se toffri li tagħmel iċ-*Chairperson* qabel ma tittieħed kull tip ta' azzjoni.

3.4 Is-Sindku informa li wara qbil mal-Mtarfa FC din is-sena l-attività tal-Mtarfa Christmas Market kienet se tinzamm kollha kemm hi ġewwa l-Iskola Sekondarja sabiex jiġu frankati l-flus tal-gwardjani u titnaqqas l-inkonvenjenza lir-residenti għaliex Triq l-Imtarfa ma tingħalaqx għat-traffiku. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud sostna li huwa kien jaqbel li tibqa' ssir fit-triq. Il-Kunsill qabel li l-baġit sabiex tittella' din l-attività m'għandux jaqbez il-€500.

3.5 Kien hemm qbil li għall-festin tal-anzjani tal-lokalità li jinzamm b'kollaborazzjoni mad-Dar tal-Anzjani, il-Kunsill kien se jieħu ħsieb il-parti tal-*entertainment*. Il-baġitt ma kienx se jaqbez il-€150.

3.6 Is-Sindku informa li kien irċieva zewġ talbiet għal donazzjoni ta' kotba minn skejjel li għandhom tfal mill-Imtarfa. Kien hemm qbil li għandhom jinxtraw kotba sa massimu ta' €20 għal kull skola.

3.7 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni mingħand Aġenzija Zgħazagħ sabiex issir applikazzjoni ġdida għall-Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ. Il-Kunsill kollu qabel li għandu japplika sabiex ikollu Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ.

3.8 Il-Kunsill ma laqax suġġeriment tas-Sindku li jsiru *barriers* matul Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello minħabba li t-triq hija dejqa wisq u għaldaqstant jistgħu jkunu aktar ta' periklu milli ta' ġid. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprova jsolvi din il-problema bi proġett li jirrigwardja z-zona b'mod ħolistiku.

3.9 Is-SE infurmat li l-Ħamis kienet se tmur tiffirma l-kuntratt għall-fondi għall-proġett tal-bosk. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Bord tal-aġġudikazzjoni għall-offerti kollha għal dan il-proġett għandhom ikunu l-kunsilliera kollha kif ukoll il-Perit tal-Kunsill (jew rapprezentant tiegħu).

3.10 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jipprova jsib min huwa responsabbli mix-xelters li hemm taħt l-Iskola Sekondarja, u kemm-il darba jista' jeħodhom f'idejh il-Kunsill, jiġi evalwat jekk hemmx bzonn li jsir xi xogħol fuqhom sabiex 'il quddiem ikunu jistgħu jintuzaw bħala attrazzjoni turistika.

3.11 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kappillan għandu jiġi mitlub jgħaddi d-dettalji ta' dawk il-persuni fil-lokalità li huma bedridden sabiex issirilhom zjara mill-Kunsill. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li jiġu kkunsidrati wkoll anke persuni li huma dizabbli.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Ottubru. Kopja tiegħu hija annessa.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (LULJU-SETTEMBRU)

5.1 Is-SE infurmat li l-accountant kien talab li jiġi skuzat minħabba li kien marid. Huwa kien wiegħed li se jattendi għal-laqgħa li jmiss.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-INGAĠĠ TAS-SUR ALEXANDER CARUANA

6.1 Is-SE infurmat li kienu se jiskadu l-ewwel sitt xhur mill-ingaġġ tas-Sur Caruana. Fuq ir-rakkomandazzjoni tas-SE, kien hemm qbil li s-Sur Caruana jibqa' jagħti servizz lill-Kunsill għall-kumplament tat-3 snin tal-kuntratt tiegħu.

## 7. PUNTI OĦRA

7.1 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE sabiex jinbidlu xi spralli fi Triq Sir P. Pullicino.

7.2 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li ma kinitx għadha ppubblikat l-offerta għax-xogħlijiet minuri.

7.3 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-*barrier* fi Triq Sir P. Pullicino, is-SE infurmat li din ma kinitx għadha tpoġġiet. Sadanittant fakkret lill-Viċi Sindku sabiex jivverifika mad-Dipartiment tal-Artijiet jekk dan l-isqaq huwiex privat jew pubbliku.

7.4 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba tal-Viċi Sindku li jingħata l-permess bla ħlas sabiex jitpoġġa bouncing castle fil-pjazza tat-Town Centre nhar it-18 ta' Diċembru għall-festin li se jiġi organizzat għat-tfal tal-istitut.

7.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud, is-SE infurmat li kienet kitbet lill-MEPA dwar l-izvilupp li qed isir fil-binja li se tospita l-klinika l-ġdida fi Triq Sir P. Pullicino. Kien hemm qbil li r-risposta tal-MEPA għandha tintbagħat lir-residenti ta' Binja Msieraħ.

7.6 Il-Kunsillier Mifsud informa li kien attenda għal-laqgħa tal-AKL. Huwa informa li kien għadda lment dwar is-sospensjoni tar-Residents Parking Scheme forst oħrajn.

7.7 Il-Kunsillier Mifsud semma' li kien hemm aġenzija li xtaqet li tibda ġġib numru ta' turisti biex jaraw it-Torri tal-Arloġġ. Kien hemm qbil li l-Perit tal-Kunsill għandu jintalab jiċċertifika li t-torri huwa sod biżżejjed li jifla numru ta' persuni f'daqqa f'ħin wieħed.

7.8 Ma kienx hemm qbil mas-suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud biex il-Kunsill joħroġ talba għat-trasport għall-ħarġiet minħabba li dawn huma minimi bħala numru u ammont ta' flus li jintefqu. Barraminnhekk, is-SE infurmat li kull darba li jkun hemm bżonn ta' trasport, l-amministrazzjoni tiegħu ħsieb iġġib il-kwotazzjonijiet minn qabel sabiex tassigura li jkollha l-aktar prezz vantaġġjuż.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:10pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013 fis-6:00pm.

________________________
**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Daniel John Attard**
**Sindku**